**10 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi B.A., LL.D.**

L-avukat dottor Giuseppe Maria Camilleri *et.*

*versus*

L-Onorevoli Ministru tat-Turiżmu
u b'nota tal-15 ta' April 1988
is-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu
assuma l-atti tal-kawża.

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Danni – Likwidazzjoni ta' – minimizzazzjoni ta' – Danni – Kommutattivi – Sofferenza**

*Ir-rikorrenti kienet ġa ġiet iddikjarata mill-Qorti li kienet sofriet trattament diskriminatorju meta ġiet lilha miċħuda l-liċenzja ta' gwida turistika. Il-preżenti appell kienet tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni lillha dovuta minħabba dan it-trattament.*

*Fil-likwidazzjoni tad-danni jrid jittieħed in konsiderazzjoni l-offerta tad-debitur li jinsab modus vivendi biex dawk id-danni jiġu minimizzati. Inoltre f'każijiet ta' lezjoni tad-dritt fundamentali jridu jiġu wkoll likwidati danni kommutattivi biex jikkompensaw*

*il-vittima għal dik il-leżjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

B'sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju 1990, din il-Qorti ikkonfermat sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ddikjarat l-intimat ħati li, fil-konfront tar-rikorrenti, kontra dak li jiddisponi l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni trattat magħha b'mod diskriminatorju nġustifikat, meta hija ġiet dikjarata li weħlet fl-eżami li sar għall-gwidi turistiċi, u dan skond ir-riżultat tat-3 ta' Ottubru 1984, u fl-istess okkażjoni ċaħdilha l-liċenzja ta' gwida turistika, u konsegwentement, iddikjarat null u bla effett l-istess eżami, u ordnat lill-intimat li mmedjatament jirrestitwixxi l-liċenzja ta' gwida turistika lir-rikorrenti;

*Din il-Qorti mbagħad, fl-istess data bagħtet lura l-atti tal-*proċess lill-Qorti ta' l-ewwel istanza sabiex din tittratta u tikkunsidra t-talbiet l-oħra tar-rikorrenti biex l-intimat jiġi misjub responsabbli għad-danni konsegwenzjali li hija sofriet mit-8 ta' Ottubru 1984 sad-data li fiha hija reġgħet ġiet "*reinstated*" fix-xogħol tagħha ta' gwida u biex l-intimat jiġi kkundannat iħallas dawn id-danni;

Dik il-Qorti kkonkludiet dan kollu b'sentenza ta' l-1 ta' Frar 1991, fejn iddisponiet illi:

(a) Ġaladarba l-intimat f'Lulju 1987 offrielha l-liċenzja, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kollha tagħha, hija kienet tenuta li tillimita d-danni u għalhekk, għal dak li huwa telf ta' qliegħ, dawn id-danni għandhom jiġu likwidati għall-perjodu – Ottubru 1984 sa Lulju 1987;

Minn Ottubru 1984 sa Diċembru 1985 il-qliegħ ta' gwida turistika kien ikun ta' ħamsa u sebgħin lira (Lm75) fil-ġimgħa, waqt li minn Jannar 1986 il-qliegħ sar ta' mija u ħames liri u ħamsin ċenteżmu (Lm105.50c) fil-ġimgħa. Billi r-rikorrenti, matul il-perjodu msemmi, kienet, kif solitu, ma taħdimx għaliex issiefer – assenza totali ta' disa' xhur – id-danni għat-telf ta' qliegħ kienu ta' disgħat elef u mitejn lira (Lm9,200);

(b) A bażi tal-fatt illi r-rikorrenti kienet waħda mill-aħjar gwidi turistiċi – kif indirettament kien irrikonoxxa l-istess intimat, dak li ġara, umiljha, inkwietha u ħolqilha inkonvenjenzi mhux żgħar u ta' dawn id-danni illikwidathom "*arbitrio boni viri*" fis-somma ta' ħamest elef lira (Lm5,000).

Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza li għaliha akkwjexxa l-intimat, a bażi ta' dawn l-aggravji:

(a) Billi r-rikorrenti kienet ġiet pubblikament u dolożament imwaħħla f'eżami pubbliku għall-kariga li fiha hija kienet magħrufa bħala waħda mill-aħjar – hija ma setetx li f'Lulju 1987 tidħol taħdem mingħajr ma jiġi rikonoxxut mill-konvenut, li dak li kien ġara kien żbaljat; u allura hija ma kellhiex l-obbligu li tillimita d-danni billi taċċetta li taħdem – kif qalet is-sentenza appellata;

Il-prinċipju li l-kreditur għandu l-obbligu li jillimita d-danni li jkun qed isofri, huwa konformi mal-kunċett tal-ġustizzja korrettiva (ġa analizzata minn Aristotile) għaliex meta d-debitur ikun reġa' poġġa lill-kreditur fil-pożizzjoni li – bħal ma sar fil-każ preżenti – jaħdem, meta qabel, kontra s-sewwa kien ipprivah minn dik il-possibilità, l-istess debitur ikun – **almenu sa daqshekk** – ikkorreġa l-aġir tiegħu – kif titlob, appuntu

l-ġustizzja korrettiva, basta jħallas ukoll, b'korrezzjoni għaż-żmien li ma ħalliex lir-rikorrenti taħdem. L-argument tar-rikorrenti ma jolqotx dan l-aspett tal-ħtieġa ta' ġustizzja korrettiva, imma se mai, jsita' jkun rilevanti għall-kunċett aktar vast tal-ġustizzja kommutattiva (kif analizzata minn San Tumas ta' Aquino li amplifika fuq Aristotile) li hija l-bażi tat-tieni fonti (ara paragrafi 3(b) supra) ta' danni li qed tirrikjama r-rikorrenti;

L-argumentazzjoni li hemm fir-rikors ta' appell, fuq dan l-aggravju m'huwiex korrett, inkwantu meta fil-mori ta' kawża, jiġi propost "*modus vivendi*", fil-veru sens tal-frażi, biex, ikun xi jkun ir-riżultat finali, u mingħajr ma jiġi preġudikat il-ġudizzju fuq il-kontroversja, **fi kwalunkwe każ** jonqos l-impatt tad-danni fuq il-vittma (allegata kreditriċi) dik il-proposta dejjem għandha mill-ġust; u dan għaliex rimedju – li għalkemm parzjali huwa dejjem aktar effikaċi fuq l-iskala taż-żmien, li sfortunatament, tant inaqqas mill-effettività tal-ġustizzja.

(b) Fuq it-tieni fonti ta' danni – dawk li r-rikorrenti sejħitilhom erronjament **primittivi** mentri, kif intqal, dawn huma danni kommutattivi mistħoqqa lir-rikorrenti biex jikkumpensawha għall-konsegwenzi kollha li hija sofriet minħabba l-leżjonijiet kommessi mill-intimat tad-drittijiet fundamentali tagħha – din il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti ħaqqa ammont akbar minn dak likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Il-malafatti li r-rikorrenti sofriet fl-1984 ippersistew fil-konsegwenzi tagħhom mas-sena 1990, meta dawn il-Qrati finalment, iġġustifikaw pjenament lir-rikorrenti u ppronunzjaw u kkundannaw l-operat inġust ta' l-intimat – li baqa' jikkuntrasta lir-rikorrenti matul dak iż-żmien kollu. Ir-raġunijiet għaliex dan sar huwa ta' natura mista – politiko-ġuridka li din

il-Qorti m'għandhiex l-obbligu li tikkunsidra f'dan il-każ, però, naturalment dik l-attitudni kkontribwiet biex jitwal iż-żmien tal-persistenza ta' l-istat ta' inġustizzja li fiha ġiet mitfugħa r-rikorrenti;

Konsiderati l-fatturi kollha ta' tbatija li r-rikorrenti sofriet minħabba d-diskriminazzjoni nġusta li kellha tissubixxi, din il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti għandha almenu, tirċievi daqs kemm tilfet billi ġiet eskluża mix-xogħol leġittimu li b'kompetenza kienet qed tesegwixxi u għalhekk is-somma ta' disgħat elef u mitejn lira (Lm9,200) oħra huma wkoll dovuti mill-intimat;

Għaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' in parti l-appell tar-rikorrent, tirriforma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmintax-il elf u erba' mitt lira (Lm18,400) għad-danni minnha sofferti minħabba l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif stabbilit din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju, 1990;

Fiċ-ċirkustanzi tal-każ huwa wkoll meħtieġ li jitnaħsu nteressi kif ġej:

(a) fuq elfejn u sitt mitt lira (Lm2,600) interessi ta' seba' snin;

(b) fuq ħamest elef u mitejn lira (Lm5,200) interessi ta' sitt snin;

(ċ) fuq sebgħat elef u tmien mitt lira (Lm7,800) interessi ta' ħames snin;

(d) fuq għaxart elef u erba' mitt lira (Lm10,000) interessi ta' erba' snin;

(e) fuq tlettax-il elf lira (Lm13,000) interessi ta' tlett snin;

(f) fuq ħmistax-il elf u sitt mitt lira (Lm15,600) interessi ta' sentejn ; u

(g) fuq tmintax-il elf u erba' mitt lira (Lm18,400) interessi ta' sena li tagħlaq fi żmien jumejn, minn din is-sentenza;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għall-intimat, dawk ta' dan l-appell – nofs kull wieħed bejn il-partijiet.